**15 ta' Diċembru, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Giovanni Muscat

*versus*

Paolo Azzopardi

**Appell — Preskrizzjoni — Art. 2254(a) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Fost l-azzjonijiet li jiġu preskritti bl-għeluq ta' sentejn hemm dik tal-kuntrattur ta' bini, jew ta' xogħolijiet oħra ta' injam, ġebel jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnu jew għall-materjal li huwa jforni.*

*L-azzjoni għall-ħlas ta' xogħol ta' tħaffir ta' mina fil-blat, eżegwit minn bniedem bħala kuntrattur, taqa' taħt din il-preskrizzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi hu, bħala "sub-contractor" imqabbad mill-konvenut, għamel xogħol ta' tħaffir ta' mina taħt il-fortizza tal-Mosta bil-prezz ta' £3 l-jarda kuba; u li għal dan ix-xogħol huwa rċieva akkont ammontanti għas-somma ta' £1820; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu l-bilanċ li għad fadallu jagħtieh għax-xogħol fuq imsemmi, u li jiġi likwidat okkorrendo per mezz ta' periti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Mejju 1958;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Din hija dik ta' sentejn skond l-artikolu ċitat, li jwaqqa' bil-preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn "l-azzjonijiet tal-bennejja, ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħolijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjal li jfornu";

Fost dawn l-azzjonijiet, mela, hemm dik tal-kuntrattur għal xogħol tal-ġebel;

Fit-trattazzjoni orali tal-kawża l-attur issottometta li din *il-preskrizzjoni* mhix applikabbli għall-azzjoni tiegħu, għaliex, hu jgħid, *għalkemm ħadem bħala* kuntrattur f'ġebel fi blat, iżda ma għamelx xogħol b'ġebel, jiġifieri opra *li hi r-riżultat* ta' xogħol ta' ġebel, magħmula minn ġebel, *fil-waqt li dik il-preskrizzjoni* għandha titqies applikabbli għall-xogħol jew opra li tirriżulta bil-ħdim ta' ġebel; *u in sostenn ta' din* il-veduta tiegħu, iċċita t-test ingliż tal-*liġi, li jadopera* l-espressjoni *"works made of"*, u jfakkar li, anki jekk it-testi ma jaqblux, għandu jipprevalixxi l-ingliż;

Dan hu veru; imma, apparti jekk it-testi jaqblux jew le, għaliex proprjament il-kwistjoni li l-attur *qajjem* mhix din, imma inveċi dik li b'xogħol ta' ġebel wieħed għandu jifhem kostruzzjoni ta' opra magħmula bil-ħdim ta' ġebel, u mhux xogħol f'ġebel, il-każ *preżenti hu dak ta' mina* mħaffra fil-blat, u kwindi xogħol (opra) tal-blat, li hu ġebel, u għalhekk opra (xogħol) ta' ġebel, xogħol (kostruzzjoni) magħmul b'ġebel. U għal *dak li* l-attur issottometta dwar il-kliem li ġie użat fit-test ingliż biex isaħħaħ il-veduta tiegħu, jiġifieri "works made of", apparti, jerġa' jingħad, jekk it-testi jaqblux, *jew jekk* hemmx xi differenza bejn it-test ingliż u dak oriġinali (fi kwistjoni bħal din il-Qorti mhix sejra tidħol), dak it-test, kif ukoll it-test malti, ġew preparati, *skond* l-Ordinanza tal-1936 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutorji ta' Malta, fuq it-test oriġinali, li kien dak taljan, tal-artikolu 1913(1) tal-Ordinanza VII tal-1868; u s-sens *ta' din id-dispożizzjoni*, skond l-istess ċitata Ordinanza tal-1936, ma setgħax jiġi mbiddel jew emendat fin-natura jew fis-sustanza; u allura dak it-test oriġinali taljan għandu *jservi* għall-interpretazzjoni, jekk hemm bżonnha, tat-testi riveduti; u fl-imsemmi artikolu 1913(1) tal-Ordinanza VII tal-1868 kienu użati l-kliem "lavori in", u fit-traduzzjoni *ngliża* ta' dak l-istess artikolu kienu ġew adoperati l-kliem "works in"; u għalhekk ix-xogħol ta' *tħaffir* ta' *mina* fil-blat eżewgit mill-attur bħala

kuntrattur jaqa' taħt id-dispożizzjoni tal-art. 2254(a) tal-Kodiċi Ċivili, billi hu xogħol ta' blat, u kwindi ta' ġebel;

L-attur, inoltri, ippretenda — għall-każ illi l-imsemmija preskrizzjoni hi applikabbli — li din ġiet interrotta, jew aħjar rinunzjata, meta hu, fis-sajf tal-1957, kif xehed, ċirka sena u nofs qabel ma ppreżenta l-odjern att ta' ċitazzjoni, u ċirka sena qabel ma sejjaħ uffiċjalment lill-konvenut "biex jiġi likwidat il-bilanċ dovut", talab lill-konvenut biex imorru jkejlu, u l-konvenut irrispondieh bil-kliem "meta trid immorru nkejlu" (fol. 12); iżda . . . .;

Għalhekk l-attur ma ppruvax l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, jew ir-rinunzja għaliha;

Kwindi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, u tillibera lil dan mid-domanda; bl-ispejjeż.

**Tmiem tat-Tielet Parti**
**tal-Volum XLIII**